**Fl-eħrex tal-battalja**

Fl-eħrex tal-battalja
Inħossni Mulej,
Tawwalli fiss idek
Taf minn xiex għaddej.

Tibqax rieqed rieqed
Qisek spettatur,
Nitolbok titkellem
Int is-Salvatur.

Tħallihomx jinfduni
Bl-akbar kefrija,
Int taf twaqqafhom
Bl-akbar qlubija.

Għalhekk qed nitolbok
Agħmel xi ħaġa,
Ħalli l'dawn tgħaġġibhom
Jibqgħu mistgħaġba.

Għalhekk ja Mulejja
Quddiemek immil,
Imħabbtek tfejjaqni
Għalija żegħil.

Tieħux int għalija
Meta jitlagħli,
Nibgħatek tixxejjer
U hemm jien nagħli.

Għannaqni Sid tiegħi
Fi ħdanek qaddis,
Jien ibnek se nibqa'
Avolja qassis.

Dan int trid minn għandi
Ta midneb li jien,
Sejjaħtli għax tħobbni
Int kollok ilwien.

U ftahtli quddiemi
'L-ġnus kollha tiegħek
Agħmiltni int ħuhom
Ikoll aħna tiegħek.

Ma' Franġisku ħija
Agħmiltni tan-nies,

Il-Patri li joħroġ
B'imħabba bla qjies.

Ħaddtni int mal-morda
Bhala Kapuċċin,
Saħħaħtni bil-grazzja
Ta' Ġesu ħanin.

Is-sewwa urejtni
Mingħajr bagalja,
“Evangelizzali
Fl-eħrex battalja”.

Patri Mario Attard OFM Cap
14 ta' Novembru 2024

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.